MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Numru. 986/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Gilbert Busuttil**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Gilbert Busuttil ta' 23 sena, iben Anthony u Josephine nee' Mizzi, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Novembru, 1985 u residenti nru. 78, Triq Brighella, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita' numru 586785(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti w li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe':

Fl-4 ta’ April, 2009, ghall-habta tal-11.45p.m., gewwa l-Fiarplay Gaming Arcade fi Triq in-Naxxar, San Gwann, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra mhux maghrufa:

1. ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta Gaming Operations Ltd. u/jew ta’ entitajiet u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Richard Gauci, lil Charles Magri u xi persuna/i ohra kontra l-volonta’ taghhom;

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

Fis-7 ta’ April 2009, ghall-habta tas-1a.m., gewwa l-Fairplay gaming arcade fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra mhux maghrufa:

4. ikkommetta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tas-socjeta Gaming Operations Ltd. u/jew ta’ entitajiet w/jew persuni ohra;

5. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Leslie Caruana, lil Rodlene Guant u diversi persuni ohra, kontra l-volonta’ taghhom;

6. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Fis-17 ta' April, 2009, ghall-habta ta' 00.30a.m., gewwa l-Ambassador gaming arcade, formanti parti mis-Suncrest Hotel fi Triq il-Qawra, Qawra, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra mhux maghrufa:

7. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat u li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37);

Fid-19 ta' April, 2009, ghall-habta tal-11p.m., gewwa l-Playline gaming arcade fi Triq il-Marsa, Marsa, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra mhux maghrufa:

8. ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment ta' Clifton Borg u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet ohra;

9. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Grech u lil Bjorn Falzon kontra l-volonta' taghhom;

10. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Fil-21 ta' April, 2009, ghall-habta ta' 10.15p.m., gewwa l-Fairplay gaming arcade fi Pjazza Antoine De Paule, Paola, flimkien ma Bashir Abu Gasem Al-Hariri, Martin Cassar u persuna ohra mhux maghrufa:

11. ikkommetta serq ta' flus u tlett mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-detriment tas-socjeta Gaming Operations Ltd., Jean Paul Vella, Edward Bugeja, Anna Zahra u/jew ta' entitajiet w/jew persuni ohra;

12. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Jean Paul Vella, Edward Bugeja u Anna Zahra kontra l-volonta' taghhom;

13. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

14. Matul ix-xahar ta' April, 2009 f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 21 ta' Marzu 2011 (esebita a fol. 393 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikolu 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(d) fl-artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b),280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(e) fl-artikoli 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(f) fl-artikolu 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(g) fl-artikoli 41(1)(a), 261(a), (b), (c), (f), 262 (1) (a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(h) fl-artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(i) fl-artikoli 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(j) fl-artikolu 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(k) fl-artikoli 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(l) fl-artikoli 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(m) fl-artikolu 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(n) fl-artikolu 17 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2011, l-imputat ddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat l-ammissjoni tal-imputat Gilbert Busuttil ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu hekk kif registrata fl-udjenza tal-20 ta’ Mejju 2011.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat Gilbert Busuttil l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat kienet kwazi netta fiz-zmien li huwa tressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati, izda kkunsidrat ukoll il-gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-fatt li huwa ghandu problema akuta ta’ abbuz mid-droga li qed tinducih li jikkommetti reati bhal dawn u jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-21 ta’ Marzu 2011 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 261(a), (b), (c), (f), 262(1)(a), (b), 263(b), 267, 270, 275, 277(b), 279, 280(2) u 86 tal-Kodici Kriminali u l-Artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jiig hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elf tmien mija u erbgha u hamsin ewro u disghin centezmu (€1854.90) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------